



Brussell, 5 ta' Marzu 2026
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0102 (NLE)**

**5290/25
ADD 1**

**AELE 3
AND 2
SM 2
MI 15**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Anness tad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Prinċipat ta' Andorra u r-Repubblika ta' San Marino, kull parti distinta, min-naħa l-oħra

DIKJARAZZJONI TA' ANDORRA
DWAR IS-SETTUR TAT-TABAKK

F'dawn l-aħħar snin Andorra bdiet proċess profund u intensiv ta' riforma bl-għan li toħloq aktar ftuħ u trasparenza u tressaq lil Andorra eqreb lejn l-UE.

Dawk ir-riformi għandhom l-għan li jiżguraw tranżizzjoni strutturata tal-mudell ekonomiku ta' Andorra u li jiddiversifikaw l-ekonomija tagħha. Id-diversifikazzjoni tal-ekonomija ta' Andorra, appoġġata mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, għandha tirriżulta fl-iżvilupp ta' setturi ġodda tal-ekonomija u ż-żieda fil-kompetittività ta' ċerti setturi eżistenti.

It-trasformazzjoni ekonomika trid timxi id f'id mal-iżvilupp kostanti tad-dħul mit-taxxa li jirriżulta minn riformi sinifikanti mwettqa f'dawn l-aħħar snin u tas-sitwazzjoni soċjoekonomika, inkluż l-impjiegi.

F'dan il-kuntest, waħda mill-prijoritajiet ta' Andorra hija li tkompli ssaħħa u tipproteġi l-kummerċ responsabbli tat-tabakk. Andorra hija impenjata bis-siġħ favur politika biex ittejjeb is-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk, b'mod partikolari billi taderixxi mal-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk u l-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk, kif ukoll billi tadotta l-leġislazzjoni rilevanti tal-UE.

Element ewlieni tal-politika tas-saħħa pubblika ta' Andorra huwa l-prevenzjoni tal-frodi u l-kuntrabandu fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk u l-ġlieda kontrihom. Andorra timpenja ruħha bis-siġħ biex issaħħa l-isforzi tagħha f'dawk l-oqsma, b'mod partikolari billi tadotta u timplimenta b'mod regolari l-leġislazzjoni tal-UE b'kapaċità amministrattiva, ġudizzjarja u materjali adegwata.

Andorra timpenja ruħha li ssaħħaħ il-kooperazzjoni kontra l-frodi, b'mod partikolari mal-UE u maż-żewġ Stati Membri ġirien tagħha. Andorra ser tissorvelja mill-qrib il-bidliet fil-kwantitajiet ta' prodotti tat-tabakk li timanifattura lokalment, timporta, tikkummerċjalizza u tesporta. Andorra tfakkar b'mod partikolari d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tal-Prinċipat ta' Andorra dwar il-kooperazzjoni transfruntiera f'materji tal-pulizija u tad-dwana fl-1 ta' April 2018, u l-iffirmar tal-Konvenzjoni bejn il-Prinċipat ta' Andorra u r-Renju ta' Spanja dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità u fil-qasam tas-sigurtà fit-2 ta' Settembru 2015.

Minħabba d-differenzi fil-prezzijiet attwali, inklużi t-taxxi, għall-prodotti tat-tabakk bejn Andorra u, b'mod partikolari, iż-żewġ Stati Membri ġirien tagħha, Andorra timpenja ruħha li ma żżidx id-differenzjali tal-prezzijiet għall-prodotti tat-tabakk, inklużi t-taxxi li jeżistu fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim mill-UE u l-Andorra fir-rigward tal-Istat Membru tal-UE ġar bl-inqas prezzijiet.

Andorra ser tiżgura li, matul il-perjodu tranżitorju msemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Protokoll ta' Andorra, kwalunkwe tnaqqis fid-dħul li jirriżulta mit-tnaqqis fid-dazji doganali relatati mal-prodotti tat-tabakk jiġi kkompensat simultanjament minn dħul ieħor tal-Istat.

Filwaqt li tenfasizza li t-tassazzjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, Andorra ser teżamina, fejn xieraq u bil-ħsieb li tiżgura dħul adegwat tal-Istat, il-possibbiltà li tispira ruħha mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-taxxi fuq il-prodotti tat-tabakk.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-UE U ANDORRA
DWAR IL-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI

Dan il-Ftehim, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu tal-persuni minn ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew ta' Andorra, u l-inkorporazzjoni minn Andorra tad-Direttiva 2004/38/KE ma tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill¹ ma għandu jimponi l-ebda obbligu fuq Andorra biex tadotta l-kunċett ta' "Ċittadinanza tal-Unjoni" (l-Artikoli 20 et seq. TFUE), li ma għandux ekwivalenti f'dan il-Ftehim.

L-Artikoli 18, 21, 46, 50 u 59 TFUE jikkostitwixxu l-bażi ġuridika tad-Direttiva 2004/38/KE.

Id-Direttiva 2004/38/KE tipprevedi sistema ta' drittijiet ta' dħul, residenza, ħruġ u trattament ugwali. Dik is-sistema hija soġġetta għal ċerti limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li, min-naħa tagħhom, huma soġġetti, fost l-oħrajn, għal garanziji proċedurali, b'mod partikolari sħarriġ ġudizzjarju.

Id-Direttiva 2004/38/KE għandha tkun applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-UE u Andorra skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi VIII u V tal-Protokoll ta' Andorra.

Il-ġurisprudenza tal-QĠUE tipprovd i kjarifika utli, inkluż fir-rigward tal-miżuri disponibbli għall-Istat ospitanti biex iżomm il-liġi u l-ordni u jkeċċi kriminali barranin.

¹ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet ta' ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU UE L 158, 30.4.2004, p. 77).

L-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE minn Andorra għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni tar-rilevanza tal-leġiżlazzjoni futura tal-UE, kif ukoll tal-ġurisprudenza futura tal-QĠUE bbażata fuq il-kunċett taċ-Ċittadinanza tal-Unjoni, għal dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim ma jipprovdi bażi legali għal drittijiet politiċi taċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew ta' Andorra.

L-UE u Andorra jaqblu li l-politika tal-immigrazzjoni ma għandhiex tkun koperta minn dan il-Ftehim. Id-drittijiet ta' residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ma għandhomx ikunu koperti minn dan il-Ftehim, bl-eċċezzjoni tad-drittijiet mogħtija lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadin ta' Stat Membru tal-UE jew ta' Andorra li jeżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu ta' persuni skont dan il-Ftehim, peress li dawk id-drittijiet huma korollarji għad-dritt ta' moviment liberu ta' ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew ta' Andorra.

Andorra tirrikonoxxi li huwa importanti għaċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew ta' Andorra li jagħmlu użu mid-dritt tagħhom ta' moviment liberu tal-persuni li l-membri tal-familja tagħhom skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/38/KE li jkollhom ċittadinanza ta' pajjiż terz igawdu wkoll minn ċerti drittijiet derivati, bħad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 18 ta' dik id-Direttiva.

DIKJARAZZJONI TA' ANDORRA
DWAR IS-SITWAZZJONI PARTIKOLARI TA' ANDORRA
U DWAR IS-SALVAGWARDJA TAS-SIGURTÀ U L-POLITIKA PUBBLIKA

Il-Gvern ta' Andorra,

Filwaqt li jirreferi għad-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea anness mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona, iffirmit fit-13 ta' Diċembru 2007,

Filwaqt li jfakkar li Andorra għandha żona muntanjuża abitabbli żgħira ħafna b'perċentwal għoli mhux tas-soltu ta' residenti u impjegati li mhumiex ċittadini ta' Andorra,

Filwaqt li jfakkar li s-salvagwardja tas-sigurtà u l-politika pubblika hija l-għan primarju ta' kull Stat,

Filwaqt li jinnota li huwa ta' interess vitali li Andorra tkun tista' tissalvagwardja s-sigurtà tal-Istat, tal-persuni u tal-proprjetà u tal-politika pubblika partikolari ta' Andorra,

Filwaqt li jinnota li l-popolazzjoni ta' Andorra tgawdi minn livell għoli ta' sigurtà pubblika li għandu jinżamm bħala assi ewlieni f'termini ta' reputazzjoni, kundizzjonijiet tal-għajxien u koeżjoni soċjali,

Filwaqt li jfakkar li l-istrumenti, l-istituzzjonijiet u l-infrastruttura tas-sigurtà li normalment huma disponibbli għal Stat akbar mhumiex disponibbli għal Andorra,

Filwaqt li jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim u li japplikahom in bona fide,

Iqis li huwa meħtieġ li jittieħed kont debitu, fl-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, tas-sitwazzjoni ġeografika u tal-istruttura demografika u soċjali speċifiċi ta' Andorra.

Iqis li huma l-qrati ta' Andorra, abbażi tal-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, li għandhom jiddeterminaw il-livell ta' protezzjoni li jqisu mixtieq li jingħata lill-interessi fundamentali tas-soċjetà, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, li ċċarat li tali livell ta' protezzjoni għandu jiġi interpretat b'mod strett.

Iqis li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jżommu rabta mal-kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' politika pubblika li jinsabu f'dan il-Ftehim trid tqis, filwaqt li tosserva l-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività u l-interpretazzjoni tal-QĠUE, l-impatt reali li l-imġiba individwali li tikkostitwixxi theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed għal wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà u periklu għas-sigurtà u l-ordni pubbliku skont il-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali jista' jkollha fid-dawl tal-ispeċifitàjiet ġeografiċi, demografiċi u soċjali ta' Andorra.

Iqis li l-adozzjoni minn Andorra tal-miżuri ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 97 tal-Ftehim Qafas tista' tkun ġustifikata, fost l-oħrajn, fejn id-dħul ta' kapital mill-Parti Assoċjata l-oħra jista' jhedded l-aċċess tal-popolazzjoni residenti għas-suq tal-proprjetà immobbli, fejn ikun hemm żieda straordinarja fl-għadd ta' ċittadini tal-Istati Membri tal-UE li tirriskja li timmina s-sistemi pubbliċi, jew fejn l-għadd totali ta' impjiegi ġġenerati mill-ekonomija nazzjonali, relattiv għan-numru ta' residenti, iwassal għal sitwazzjoni ta' żbilanċ ovvju.

Jimpenja ruħu li jipprovdi l-mekkaniżmi meħtieġa biex jiżgura li l-proporzjon taċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE fil-popolazzjoni tiegħu ma jitnaqqasx fil-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ il-miżuri ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 97 tal-Ftehim Qafas.

¹ Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU UE L 158, 30.4.2004, p. 77).

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-UE U ANDORRA
DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU

Fi żmien 8 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-UE u Andorra jaqblu li jeżaminaw fi ħdan il-Komitat Konġunt jekk l-Anness XIII tal-Protokoll ta' Andorra jistax jiġi estiż għas-settur tat-trasport bl-ajru.
